MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 199/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta, fil-Knisja ta' Santa Katerina fiz-Zurrieq fit-2 ta' Gunju 1968; (certifikat taz-zwieg ezebit bhala Dokument A),

Illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat'itfal illi wahda minnhom ghadha minorenni bl-isem ta' X, illi llum ghandha hmistax-il sena;

Illi l-kontendenti issa ilhom disa' snin separati *de facto* minn ma' xulxin minhabba illi B madwar disa' snin ilu abbanduna d-dar matrimonjali.

Illi sentejn ilu l-istess B mar jghix gewwa l-Ingilterra, u minn dak in-nhar waqaf illi jikkonribwixxi b'xi mod ghall-manteniment kemm ta' martu kif ukoll tal-minuri u konsegwentement il-piz finanzjarju tat-trobbija taghha qieghed jigi sopportat esklussivament mill-attrici.

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti ma ghadiex aktar possibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba adulterju min-naha tal-konvenut, u konsegwentement issehh ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti;

Illi zewg l-attrici jinsab assenti minn Malta, fuq talba ta' l-istess attrici, gew nominati kuraturi deputati permezz ta' digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar 2005;

Illi l-istanti talbet u ottjeniet mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali fil-konfront ta' zewgha u dan skond digriet numru 424/2005, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument B;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

(a) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti,

adulterju da parti tal-konvenut kif ukoll minhabba illi l-konvenut abbanduna l-familja;

(b) Tafda l-kura u l-kustodja ta' binthom il-minorenni X f'idejn l-attrici, salv id-dritt ta' access lill-konvenut;

(c) Tistabilixxi retta alimentarja xierqa ghall-minuri X u ghall-attrici li ghandha tigi mhallsa mill-konvenut, inkuz provediment sabiex dana l-manteniment jinkrementa perjodikament in linea maz-zieda fl-gholi tal-hajja;

(d) Tillikwida somma rapprezentanti hlas ta' arretrati ta' manteniment tal-attrici u tal-minuri X, u tordna lill-konvenut ihallas din is-somma kif likwidata mill-dina l-Onorabbli Qorti;

(e) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati lil kull wiehed mill-kontendenti;

(f) Tiddikjara illi fid-dar matrimonjali tibqa' tirrisjedi l-attrici flimkien ma' uliedha inkluz bintha minuri u dan ad eskluzjoni ta' zewgha;

(g) Tapplika kontra zewgha l-konvenut interament jew in parti is-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana bhala konsegwenza tal-htijiet tal-konvenut fit-tkissir ta' dan iz-zwieg.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Martin Fenech u l-P.L. Luisa Tufigno pprezentata fis-26 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha eccepew;

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jipproduci u jressqu fatti u eccezzjonijiet fi stadju meta huma ikunu edotti.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Martin Fenech u l-P.L. Luisa Tufigno pprezentata fid-9 ta’ Awissu, 2005 li permezz taghha eccepew;

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jissotomettu eccezzjonijiet ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attrici u d-dokumenti esebiti minnha.

Rat l-affidavits ta’ omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ April, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunjza s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti peress li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali mad-disgha snin ilu

u cirka sentejn ilu telaq ghal kollox minn Malta. Minn dakinhar tista’ tghid intilef kull kuntatt mieghu u ghalhekk l-attrici qed titlob ukoll il-manteniment minn dakinhar.

It-talbiet kollha tal-attrici jidhru gustifikati u l-unika problema tidher li hija l-fatt li l-konvenut ottjena sentenza ta’ divorzju mill-Qrati Inglizi fis-sena 2005. Pero’ ghalkemm kopja tad-digriet finali giet esebita, ma jidhirx li dan gie registrat skond il-ligi taghna u ghalhekk ghall kull *buon fini* il-Qorti ser tippronunzja d-dikjarazzjoni ta’ separazzjoni u ser tapplika wkoll is-sanzjonijiet mahsuba fil-Kapitolu 16.

Il-Qorti tissimpatizza ma’ l-attrici u jidher car illi l-akkwisti kollha ndikati fl-affidavit taghha huma kollha frott il-hidma taghha wara li zewgha abbanduna lilha u lil binthom fl-1996. L-Artikolu 48 (1) (c) jghid illi l-parti li tkun il-htija tal-firda titlef *kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs ta’ l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hdma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun konsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijet ta’ dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-iktar bil-hidma ta’ wahda mill-partijiet fiz-zwieg ghandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 ta’ dan il-Kodici.* Huwa car illi l-konvenut ma kkontibwixxa xejn f’dan.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talbiet kollha attrici u ghalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni;**

**2. taffida l-kura u kustodja tal-minuri X lill-attrici;**

**3. tordna lill-konvenut ihallas manteniment ta’ sebghin Lira Maltin (Lm70) fix-xahar ghall-attrici u hamsin Lira Maltin (Lm50) fix-xahar ghall-minuri X dejjem b’effett mill-1 ta’ Gunju, 1996 u fir-rigward tal-**

**minuri sakemm din taghlaq it-tmintax-il sena jew ikollha mpjieg regolari (liema tigi l-ewwel);**

**4. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba billi dan gie provdut fit-tielet talba;**

**5. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mill-1 ta' Gunju, 1996; tiddikjara li kull proprjeta' mobbli li ghandha f'isimha l-attrici minn dakinhar hija proprjeta' taghha u li kull kont bankarju f'isimha jappartjeni lilha biss;**

**6. tawtotizza lill-attrici tabita u tghix fid-dar matrimonjali hija biss ma' bintha minuri ad eskluzjoni tal-konvenut;**

**7. tidikjara applikabbli l-provvedimenti ta' l-Artikolu 48 fil-konfront tal-konvenut u ai fini ta' l-Artikolu 48 (1) (c) tiddikjara l-konvenut abbanduna lill-attrici fl-1 ta' Gunju, 1996 u ghandu jhallas kull dejn illi ghamel minn dakinhar hu biss; tapplika fil-konfront tieghu id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 51 sa 55 tal-Kapitolu 16 fejn mhux dispost diga' fis-sentenza.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut izda l-attrici ghandha provizorjament thallas id-drittjiet u spejjes tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------